



Kunsill Ewropew

Brussell, 21 ta' Marzu 2019
(OR. en)

EUCO XT 20004/19

BXT 20
CO EUR 7
CONCL 2

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew (Art. 50) (21 ta' Marzu 2019) – Konklużjonijiet

Id-delegazzjonijiet¹ isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew (Art.50) fil-laqgħa ta' hawn fuq.

¹ Wara notifika skont l-Artikolu 50 TUE, il-membri tal-Kunsill Ewropew li jirrappreżenta lill-Istat Membru li hienegħ ma għandux jipparteċipa fid-diskussjonijiet tal-Kunsill Ewropew jew f'deċiżjonijiet li jikkonċernawh.

1. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota tal-ittra tal-Prim Ministru Theresa May tal-20 ta' Marzu 2019.
2. Bħala risposta, il-Kunsill Ewropew japprova l-Istrument relatat mal-Ftehim dwar il-Ħruġ u d-Dikjarazzjoni Konġunta li tissupplimenta d-Dikjarazzjoni Politika maqbula bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-gvern tar-Renju Unit fi Strasburgu fil-11 ta' Marzu 2019.
3. Il-Kunsill Ewropew jaqbel li jagħti estensjoni sat-22 ta' Mejju 2019, dment li l-Ftehim dwar il-Ħruġ jiġi approvat mill-House of Commons il-ġimgħa d-dieħla. Jekk il-Ftehim dwar il-Ħruġ ma jiġix approvat mill-House of Commons il-ġimgħa d-dieħla, il-Kunsill Ewropew jaqbel li jagħti estensjoni sat-12 ta' April 2019 u jistenna li r-Renju Unit jindika t-triq 'il quddiem qabel din id-data għall-kunsiderazzjoni mill-Kunsill Ewropew.
4. Il-Kunsill Ewropew itenni li ma jista' jkun hemm l-ebda ftuħ tal-Ftehim dwar il-Ħruġ li ġie maqbul bejn l-Unjoni u r-Renju Unit f'Novembru 2018. Kwalunkwe impenn, dikjarazzjoni jew att ieħor unilaterali għandu jkun kompatibbli mal-kelma u l-ispirtu tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.
5. Il-Kunsill Ewropew jappella biex titkompla l-ħidma ta' tħejjija u kontinġenza fil-livelli kollha għall-konsegwenzi tal-ħruġ tar-Renju Unit, b'kont meħud tal-eżiti kollha possibbli.
6. Il-Kunsill Ewropew ser jibqa' jsegwi din il-kwistjoni.
